MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Numru. 680/2007

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**
**VS**
**OMISSIS IMPUTAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omissis imputat, ta’ omissis, iben omissis, imwieled omissis, omissis, u joqghod omissis u detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ bin-numru omissis.

Illi huwa akkuzat talli fil-11 ta’ Awwissu 2007 ghall-habta ta’ 02.30hrs gewwa diskoteka Y:

1) Bil-vjolenza kkommntata strupru fuq tal-persuna ta’-Omissis minuri ta’ omissis, bint omissis, imwielda omissis fit-omissis, u residenti omissis, detentrici ta’ karta tal-identita’ Maltija bin-numru omissis, tifla ta’ omissis tas-

sess il-wiehed jew l-iehor u dan bi ksur tal-*Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Omissis minuri kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur tal-*Artikolu 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'eghmil zieni kkorrompa lil Omissis minuri, liema delitt sar bi sara ta' persuna li ghadha taht l-eta ta' omissis, u dan bi ksur tal-*Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4) U aktar talli fl-istess data , lok, hin u cirkustanzi, offenda il-pudur jew il-morali ta' l-imsemmija Omissis minuri, b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-*Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta*;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi gas-sigurta' tal-imsemmija Omissis minuri u l-familji taghha, minn issa tapplika l-provvediment tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Omissis minuri u l-familji taghha, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, taghmel Ordni ta' Trazzin kif ukoll torbot lill-istess Omissis imputat, b'obbligazzjoni tieghu infusu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Finalment, il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-

ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti u dan a terminu tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli mibghuta milll-Avukat Generali a fol 221, taht liema artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tal-imputat a fol 220 fejn iddikjara illi ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammisjoni ta’l-imputat ghar-rigward tar-raba’ akkuza ;

Semghet il-konferma ta’ din l-ammisjoni wara li il-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, jirrizulta illi Omissis (a fol 24 et seq.) , omm il-minuri, ikkonfermat illi kienet irceviet telefonata mill-isptar dwar bintha, u meta nizzlet l-isptar ma zzewgha, sabet lill-bintha imcappsa bid-demm. Omissis omm xehdet illi hi u zewgha kien lesti jirtiraw l-azzjonjiet kriminali u ma riedux ikomplu bil-proceduri, pero il-Pulizija gharfithom li il-proceduri odjerni kienu ex officio.

Il-minuri (a fol 26) ghazlet li ma tixhedx sabiex ma tinkriminax lilha innfisha.

(A fol 28) gie ipprezentat il-proces verbal DOK MDF.

Spettur Nezren Grixti xehed (a fol 37) illi il-Pulizija gew infurmati li tfajla kienet giet stuprata fil-*parking area* ta’

*diskoteka Y*. Illi ghaldaqstant il-Pulizija accedew fuq il-post u sabu lill-Omissis minuri ta' omissis, li kellha id-demm fuq hwejjigha u li kienet iddikkjarat li giet stuprata minn guvni li ismu jibda bil-omissis.

Il-minuri infurmat il-Pulizija illi hija kienet ddahlet go *van* ma dan il-guvni, liema *van* kien tal-marka *omissis*, bin-numru tar-registrazzjoni omissis, li kellu isem ta' kumpanija *Y.*

Minn l-investigazzjoni tal-Pulizija jirrizulta li dan il-*van* kien jintuza minn certu Omissis habib. Il-Pulizija baqghu fuq il-post jistennew u fill-fatt omissis habib hareg minn *diskoteka Y* ma' l-imputat. L-imputat kien liebes qmis bajda **li kellha ticpis ta kulur ahmar**.

Illi meta gie mitkellem mill-Pulizija, l-imputat ghal-ewwel innega kollox. Saret tfittxija fuq il-parti ta' gewwa tal-*van* fejn gie elevat pendent li Omissis minuri kienet informat lill-Pulizija li kien naqsilha.

Giet imsejha inkjesta Magisterjali, Omissis minuri ittiehdet l-isptar.

L-(Omissis) minuri infurmat il-Pulizija illi hija kienet dahhlet fil-*van* ta' l-imputat **b'mod volontarju u li bdew jitbewsu**. Illi f'xi moment l-imputat beda imiss il-parti privata taghha u fethilha saqajha. Hi ppruvat taghlaq saqajha pero hu ippenetra. **Kienet qaltlu biex jieqaf , u filfatt hu waqaf immedjatament, u hu irtira minn fuqha. Illi filfatt huma baqghu fil-*van* u filfatt saru diversi attivatijiet sesswali ohra li kienu accetabbli ghall-Omissis minuri**. Illi wara dan, huma hargu **id f'id mill-*van* u irriturnaw fid-diskoteka**, u hemmhekk indunat li kellha xi demm hiereg mil-parti taghha u **ippanikjat**.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat ikkonferma dak illi allegat (Omissis) minuri fis–sens li ddahlu jinnamraw fil-parti ta wara tal-*van* u sar tokkament tal-partijiet intimi tal-minuri u ta l-imputat. Kienu nezzghu l-qliezet ta' xulxin u li f'dak il-mument l-imputat kien ippenetra lill- u hi qaltlu biex jieqaf**.** **L-imputat stqarr li waqaf immedjatament** u komplew bl-

**attivita sesswali accettabbli ghal-minuri**. In segwitu regghu irrotornaw ghad-disko. L-imputat jghid li meta hareg mid-diskoteka ghal-habta ta'4:30am gie arrestat mill-Pulizija.

L-Ispettur Grixti xehed li kien kellem ukoll lill (Omissis) habib li informa lill-Pulizija illi kien ra lill-imputat fil-kumpanijja tal-tfalja u li ghall-habta ta'2:30am l-imputat kien talbu ghac-cwievet tal-*van* il ghaliex kien tilef ic-cwievet tad-dar tieghu u ried iffitixhom fil-*van.*

Gie esebit DOK NG certifikat tat-twelid tal-minuri u l-isqarijja ta' l-imputat NG 1.

Dr. Mario Scerri esebixxa ir-relazzjoni tieghu DOK MS, a fol 46 sa a fol 87.

(A Fol 88) Dr. Marisa Cassar esebit ir-relazzjoni taghha DOK MC u ikkonfermat li , **il-hwejjeg ta' Omissis minuri u ta' Omissis imputat ma kellhom ebda ticrita jew taqtieh**. Illi ir-rizultati analitici tal-*vaginal swab* ta' Omissis minuri, taw **rizultat negattiv ghal-prezenza ta'** ***acid phosphetates*** u cioe sustanza li tinsab fil-likwidu seminali. Infatti ir-rizultat tad-DNA tal-*high vaginal swab*, **wera profil genetiku biss ta' Omissis minuri**. Minkejja illi mill-***oral swabs*** ta' minuri irrizulta prezenza ta' *acid phosphetate.* Dan kien fjakk wisq biex johrog rizultat tad-*DNA* ta' persuna ghajr dak ta' l-(Omissis) minuri. A fol 126 Dr. Cassar esebit il-hwejjeg ta l-imputat . L-esebiti MC1 sa MC3, waqt li il-hwejjeg tal-minuri gew esebiti kif indikati fir-rapport DOK MC.

PC 1261 Charles Pace ikkonferma ir-rapport dwar l-allegat stupru tal-minuri u li huwa acceda fuq il-post u eleva buttuna illi giet iffotografikata minn PC 186 Mintoff. Ir-relazzjoni ta' PC 1261 tinstab a fol 113.

PC 186 Christian Mintoff esebixxa ir-relazzjoni tieghu id-DOK CM kontenenti ghoxrin ritratt DOK CM 1 sa CM 20.

WPC 224 Susan Mifsud ikkonfermat li fid-data tal-akkuza hija accedit lejn ta' *diskoteka Y* biex tassisti fuq kaz ta'

attentat ta' stupru. Ikonfermat li kienet sabet lill-Omissis minuri li kellha hwejjigha imcappsa bid-demm. Kienet taghtha deskrizzjoni tal-persuna illi kien agrediha.

(A fol 149) Omissis habib ikkonferma ix-xhieda ta l-ispettur Grixti cioe li tela ta' diskoteka Y flimkien ma'l-imputat. Illi f'xi hin l-imputat kien talbu ghac-cavetta tal-'van' tieghu sabiex ifittex ic-cavetta tad-dar tieghu, liema cavetta giet irritornata lilu wara ftit tal-hin.

Spettur Carlos Cordina (a fol 164), ikonferma li insegwitu tar-rapport, hu acceda lejn ta' diskoteka Y, il-minuri diga kienet ittiehdet l-isptar waqt li kien hemm l -imputat flimkien ma omissis minuri. Ipprezenta l-okkorenza DOK CC.

PC 986 Paul Spiteri ikonferma ir-rapport ta' l-allegat stupru fejn ta' *diskoteka Y* u ikkonferma ix-xhieda WPC 224.

(A fol 175) Dr Veronica Aquilina esebit DOK VA ir-relazzjoni taghha.

(A fol 180) L-(Omissis) minuri xehdet illi dahhlet fil-*van* bil-buona volonta taghha; kif sehh ukoll b'mod volontorju l-isvestar tal-qalziet u l-qalziet ta' taht taghha. Omissis minuri pero tghid illi hi irreziztitu meta ipprova jifthilha saqajha, pero lahaq ippenetra u **li meta qaltlu biex jieqaf huwa waqaf**. Hija tghid( a fol 185, 186) illi **hija baqghet fil-*van* ghax riedet hi mhux ghax giet sfurzata**. Lanqas ma kellha biza' li dan il-guvni kien ser jagrediha. **Filfatt baqghu jippartecipaw f'sess orali.**

A fol 199 u 200 (Omissis) l-minuri meta lahqet l-eta ta' maggorenni, ddikjarat illi **xtaqet tirrinunzja ghal-azzjoni kriminali, tahfer lill-imputat.**

Ikkunsidrat :

Mill-assjem tal-provi irrizulta illi Omissis minuri u l-imputat kienu namrati zghar u l-imputat skortha barra minn tal-*diskoteka Y* biex jinnamraw fil-*van* tal-habib tieghu.

Omissis minuri dahlet fil-*van* b'mod volontarju , nezghet il-qalziet u l-qalziet ta' taht b'mod volontarju, u ppartecipat f'attivita sesswali li kien jikkonsisti f'tokkament tal-partijiet privati ta' gisimha u l-imputat b'mod volontarju. **Jidher illi (Omissis) l-minuri ma ivvokalizzatx u ma artikolatx b'mod car, il-fatt illi hi ma xtaqitx il-kongungiment karnali komplet** ma l-imputat. Illi kif (Omissis) l-minuri qalet **lill-imputat biex jieqaf dan waqaf**.

L-imputat huwa mixli bir-reat ta'stupru ghal-termini ta' l-Artiklu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi :

**"Kull min, bil-vjolenza,jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha."**

Illi fil-kaz in ezami, ghaldaqstant jidher bic-car l-elementi kardinali ta' li-stupru u cioe l-vjolenza jew nuqqas ta' kunsens huma mankanti addirittura. Tant hu hekk illi Omissis minuri f'ebda hin ma xtaqet tahrab mill-*van* wara dan l-incident, anzi kompliet tinnamra ma l-imputat fil-*van* tieghu u ippartecipaw f'sess orali u marru lura d-diskoteka. Filfatt fix-xhieda taghha a tempo vergine, hija tghid:

"Nghid li jiena bqajt fil-*van* imma **ma kontx sfurzata mill-guvni biex nibqa' hemm**."

Minkejja li omissis minuri tghid illi hija baqghet fil-*van* ghaliex kienet qed tibza' mill-imputat, din il-biza` ma' tant taghmel sens in vista tal-fatt illi Omissis minuri tikkonferma li l-imputat ma uza ebda tip ta vjolenza fuqha, u ebda ticrit fi hwejjeg il-minuri ma nstab. Illi di piu id-dmijja fuq il-hwejjeg ta' omissis minuri kienu ta' rizultat ta' l'isvergnar taghha u il-hmura li jidhru f'partijiet ta' gisimha kienu biss *pressure points* meta hija imteddet fil-qiegh tal-*van*. Illi min jigi stuprat ma jkompliex jinnamra mal-agressur tieghu (u fil-kaz in ezami, il-Qorti ghandha quddiema incident wiehed fuq tfajla omissis sena, u mhux abbuz sesswali repetut fuq minuri ta' eta tenera fejn allura il-Qorti trid tindaga ghal elementi ta' *grooming,* u

manipulazzjoni u control mill adult aggressur) jippartecipa f'sess orali ma' l-agressur tieghu, u mbaghad jibqa' sejjer diskoteka.

L-imputat jinstab ukoll mixli bis-sekwestru tal-persuna u b'arrest illegali ai termini ta' l-Artikoli 86 u 87, tal Kap 9. Illi dan ir-reat ma' jissussistiex ghaliex hemm pprovi li juri il-kutrarju, u cioe Omissis minuri dahhlet fil-*van* b'mod volontarju u setghet tohrog mil-*van* meta riedet.

L-imputat jinstab mixli wkoll ghal-termini tal-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

***203 (1) Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:***

***Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:***

***(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;***
***(b) jekk id-*****delitt** ***isir b'theddid jew b'qerq;***
***(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.***

Illi l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin tat hafna pronunzjamenti dwar dak illi huwa *atti di libidini* jew *lewd acts*, illi pero', fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sentenza tal-Qorti tal-Kriminali fil-kaz Pulizija vs Wiffen hija dik l-aktar saljenti.

Illi il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano kkonfermat:

***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza"***
***(Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act.***

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettaq l-imputat, u cioe', it-tokkament, u l-mess tal-partijiet genitali tal-istess minuri, u il-kongungument karnali jikkostitwixxu, dak illi l-Ligi u l-gurisprudenza fuq indikata, tikkategorizza bhala *lewd acts* jew *atti di libidini*.

Illi l-istess sentenza pronunzjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tghaddi biex tezamina mbaghad l-element ta' korruzzjoni attwali tal-istess minuri u tghid is-segwenti:

***'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk kemm-il darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza wkoll ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-

kawza **Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;**

***'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'***

Illi di piu' fis-sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-**Qorti tal-Appell Kriminali** qalet is-segwenti:

***'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'***

Illi fil-kaz in ezami il-Qorti ghandha quddiema tfajla ta sbatax il- sena illi gieli ippartecipat f'attivita ta' sess orali

izda qatt ma kienet ippartecipat f' *full sexual intercourse* ma' guvni. Illi ghalhekk zgur illi l-att ta' penetrazzjoni sesswali da parti ta'l-imputat mhux biss kien atti di libidini kapaci li jikkorrompi lill din il-minuri, izda filfatt ikkorrompiha.

Illi minkejja il-fatt li Omissis minuri meta lahqet maggorenni u l-genituri taghha irtiraw l-azzjoni kriminali kontra l-imputat, u kienu lesti li jahfrulu, dan ir-reat gie kommess f'post accessibli ghal-pubbliku u cioe go' *van* f''*parking lot*, u ghaldaqstant ir-reat mahsub taht l-Artikolu 203 sar prosekwibbli ex officio. (**vide Pulizija vs. Gregory sive Godwin Scriha** – Appell Kriminali deciz 19.2.1997 u **Pul vs. Ommissis** – Appell Kriminali deciz 5.6.2003) Infatti fis-Sentenza **Il-Pulizija vs. Toni Bezzina**, deciz mill-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju 1952, per Judge Harding:

***"Ir-rinuzja ghall-kwerela f'materja ta' korruzzjoni ta' minorenni ma tippermix l-azzjoni, meta l-attijiet ta' korruzzjoni jkunu saru f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku; ghax f'dan il-kaz ir-reat ikun prosekwibbli "ex officio.""***

Di piu', fil-kaz **Il-Maesta tar-Regina vs. Mikiel Azzopardi** deciz fl-20 ta' Ottubru 1953 mill-Appella Kriminali gie a tenut:

***"Jekk fuq akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni bhala kommessa f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku, il-gurati jaghtu verdett ta' pieta' minghjar il-kwalifika tal-post pubbliku, r-reat ikun procedibbli bi kwerela tal-parti offiza li hija rinunzjabbli. Ghalhekk . . . . . dik ir-rinunzja atteza l-inesistenza tac-cirskostanza ta' post pubbliku jew espot ghall-pubbliku, . . . . iggib l-improcedibilita' tal-azzjoni . . . ."***

Vide **anke Pulizija vs. Kelinu Mifsud**, deciza mill-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar 1955 per Judge Harding:

***“Meta l-atti ta’ korruzzjoni ta’ minuri jsiru f’post pubbliku, hemm l-clement ta’ pubblicita’ li jirrendi inesperattiva r-rinunzja ghall-kwerela.”***

Fis-Sentenza **Pulizija vs. Gerald Buttigieg** deciza mill-Appell Kriminali fid-29 ta’ Jannar 1955 per Judge Harding gie ppronunzjat s-segwenti:

***“Dar mhix post pubbliku, la mix-xorta taghha u lanqas minhabba destinazzjoni. U jekk jithalla bieb ta’ barra miftuh, d-dar lanqas tista’ titqies post pubbliku b’accidentalita’ … Kieku minn xi apertura ezistenti fid-dar xi hadd mill-pubbliku seta’ jara facilment dak li kien qieghed isir ghad-dar, allura forsi wiehed kien talvolta jista’ jikkontempla soluzzjoni fis-sens li d-dar saret post pubbliku b’accidentalita’, salv konsiderazzjonijiet ohra; imma fl-assenza ta’ din il-possibilita’ d-dar tibqa’ post mhux pubbliku. U jekk f’kaz simili, tigi prodotta rinunzja ghall-kwerela, ma tirrikorrix ebda wahda mic-cirkostanzi li skont il-ligi, jirrendi dan ir-reat persekwibbli “ex officio”, ma jkunx hemm aktar lok ghall-prosekuzzjoni tar-reat.”***

Ir-Renunzja tal-kwerelanti pero’ tikkonfigura meta l-Qorti tasal biex tinfliggi il-piena adatta ghal dan il-kaz.

Ghal- dawn il-mottivi il-Qorti issib lill-imputat mhux hati ta’ l-akkuza ta’ stupru li minnha tilliberah; mhux hati tat-tieni akkuza li minnha tilliberah, hati tat-tielet u tar-raba’ akkuza u wara li rat Artikoli 203 u 209 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal- Kap 446 tqieghed lill-imputat taht **Ordni ta’ Probation ghal-perjodu ta’ sentejn (2)**, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnhu nominat.

In oltre tordna hrug ta’ **Ordni ta’ Protezzjoni** kontra l-imputat u favur Omissis minuri u l-familja taghha ghal-perjodu ta’ tlett (3) snin, bil-kundizzjoni li l-imputat ma’jkellimx , ma jimmolestax u ma javvicinax l-istess minuri u lill-familja taghha.

Din il-piena qeghda tigi akkordata wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-eta govanili ta’ l-imputat u tal-minuri, il-fedina penali nadifa ta’ l-imputat u b’mod specjali il-rinunzzja tal-kwerela da parti tal-genituri ta’ Omissis minuri u ta’ l-istess omissis minuri meta din lahqghet l-eta ta’maggorreni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’din is-sentenza lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------